IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru50 (Ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fis-5.35pm

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati unanimament

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

   3.1 SSTP – Is Sindku qal li laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa filgħodu. Ix-xogħol tal-landscaping waqaf minħabba mandat ta' nibizzjoni għaliex daħlu ġo art privata. B'hekk intilfu ġimgħatejn xogħol minħabba dan il-mandat. Ix-xogħol kellu jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

Is-Sindku informa lis-Sur Mark Perez li aħna nafuhom in-nies tal-madwar u għalhekk kellu jikkuntattja l-kunsill b'dan il-każ minnufih biex ma jkunx hemm dewmien.

Is-Sur Valvo qal li t-tender tas-siġar ser joħroġ il-ġimgħa d dieħla.

Is-Sindku informa li l-Kunsill iffirma ftehim ma' Transport Malta biex issir Triq San Leonardu. Ix-xogħol u l-ispejjeż tat-triq ser isiru kollha minn TM u bħala manutenzjoni tagħha mbgħad taqa' f' idejn il-Kunsill

3.2 Progett Nursery – Is-Sur Valvo qal li l-Water Services Corporation aċċettaw li jiffinanzjaw parti mil-proġett għat-*turf* tat-*training ground*. L-ammont tal-finanzjament ser ikun ta' madwar €100,000.

.

3.3 Recreational centre u bandli – Is-Sindku qal issa d-dawl sar u għad fadlilna li jinħareġ il-permess tal-ammendi u jitkompla x-xogħol. Hu żied jgħid li is-servizz tal-perit mhux qiegħed isir kif mistenni u qed ikun hemm ħafna nuqqasijiet. Il-Kunsill f'Ottubru 2016 għednilu li għandna l-flus biex jitkompla l-proġett u biex ikompli pero il-pjanti bil-*minor amendments* imxew dan l ahhar xahar. Il-Perit kellu jiġri wara TM biex jitkompla x-xogħol tar-rampa pero għadu ma għamel xejn. Qed nitilfu ż-żmien u opportunitajiet, għandna wegħda wkoll mil-public works li jsir railing. Il-Perit issa għamel l-application dan l-aħħar xhur. Qabez id-data ta' meta kellu jġedded il-permess u il-proċess ser jieħu iktar fit-tul.

Il-Bills of quantity tal-aperturi u l-madum ippreżentahomna pero l-istima ġiet għolja ħafna u irridu spjegazzjoni tagħha minħabba li ma nistgħux nohorgu aktar spejjez apparti s-€60,000. Is-Sindku ippropona li tissejjaħ laqgħa mal-Perit kif ukoll mal-Kuntrattur Schembri Barbros biex jitkompla x-xoghol minnufih.

3.4 *Road humps* – Is-Sindku qal li ir-*road hump* ta' Triq l-Ispnott issa tneħħiet mil-Ministeru tal-infrastruttura u qed nistennew risposta fuq it-talbiet l-oħra ta' Dawret ix-Xatt (in-naħa ta' Smart City) u Trejqet ix-Xilep.

3.5 Xgħajra Day 2017 – Il-Kunsill qabel li Xgħajra Day 2017 ghandha ssir nhar il-Ħadd 23 ta' Lulju. Din kellha titmexxa minħabba li ġiet l-Elezzjoni Ġenerali. F' din il-gurnata niċċekkjaw jekk tistax issir ukoll il-Gostra.

3.6 Talba għal aktar Ħaddiema mir-Regjun – Is-Sindku qal li dan l-aħħar xahar kellna ħafna xogħol ta' patching, bankini, żebgħa u ħaxix li għamluh kollu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sur Valvo qal li fadal iktar xi jsir bħar railing tax-xatt u aktar bankini u għalhekk ippropona li nagħmlu talba lir-Reġjun biex jibgħatilna aktar ħaddiema. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

3.7 Is-Sindku qal li is-slielen ta' baħar twaħħlu pero għad jonqos wieħed in-naħa tal-impjant tad-drenaġġ u *hand rail* in-naħa tal-patrijiet. Apparti hekk hemm biċċa ħadida perikoluża li tfaċċat meta qalgħuhom fl-aħħar tas-Sajf 2016.

3.8 Il-Banju – Is-Sindku qal li l-Banju tnaddaf mil-blat b'permezz tal-Public Works u ta' dan nirringrazzjaw lil Ministru Joe Mizzi.

3.9 Jogging Track – Is-Sindku qal li għall-jogging track issa rridu nkellmu lill-Onor Clifton Grima u naraw meta hija progettata li ssir.

3.10 Kuntratti Knis u Ġbir ta' Skart – Is-Sindku qal li m'aħniex kuntenti bis-servizz tal-knis u ġbir ta' skart. Għada filgħodu għandu jiġi Wilson Mifsud biex nitkellmu u naraw x'inhu jiġri.

3.11 Tabelli madwar ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li reġa wasal iż-żmien biex induru t-tabelli tat-toroq għaliex għandna ħafna minnhom imsaddin jew minajr kulur. Is-Segretarju ghandu jdurhom biex naraw kemm ghandna bżonn u nġibu stima tagħhom u jsiru preferibilment tal-aluminium.

3.12 Gal Xlokk -Is-Sur Valvo qal li rridu nkellmu lil Gal Xlokk biex naraw x'inhu jiġri għaliex ilhom ma jibgħatulna. Il-Kunsill kien issieħeb biex jibbenefika minn proġetti bħal tal-Knisja, Pjazza ta' quddiem il-knisja, ħitan tas-sejjiegħ.

3.13 Ħaxix ħażin Triq Karmelo Ritchie – Is-Sindku qal li irridu nerġgħu naħsbu biex naqtgħu il-ħaxix ta' din it-triq qabel jaqbad bin-nar. Il-Kunsill qabel li jitqabbad il-kuntrattur Raymond Attard biex jagħmel ix-xogħol bħal kull sena.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.1 Is-Sur Neil Attard qal li avviċinawh 2 persuni biex isir kors tax-xagħar. Hu staqsa x'inhi l-possibilta li jsir kors ta' dan it-tip. Is-Sindku qal li l-ewwel pass irridu naraw kemm ser tkun il-konkorrenza imbghad aktar dettal bħal prezz u ħinijiet.

4.2.1 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq il-fence tal-Fort Park biex nipproponu li ssir meta jkunu qed jagħmlu l-jogging track.

4.2.2 Is-Sa. Borg staqsiet fuq il-possibilta li fi Triq Sant Elija ma' ġenb iz-zuntier isir Bus Shelter.

4.3.1 Is-Sa. Buttiġieġ staqsiet fuq is-CCTV – Is-Segretarju qal li il- Green Pak ilhom ma jibgħatulna filmati għalhekk irridu nistaqsuhom jekk hux qed jieħdu ħsiebhom huma.

4.3.2 Is-Sa. Buttigieg staqsiet fuq il-bins ta-klieb u jekk hux ser jitwaħħlu. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 5 u jitwaħħlu 3 max-xatt, wieħed Triq Orlando Zabbar u iehor ma' ġenb il-fort park Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

4.3.3 Is-Sa. Buttiġieġ staqsiet għaliex tal-ELC mhux qed isaqqu s-sigar li hemm fil-Belveder. Is-Segretarju qal li hu diga kellimhom u għandhom jibdew isaqquhom kull darba li jsaqqu r-round about.

5. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti b'numru 61 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Sar qbil li jiġu tiġi installata bozza ġdida fil-parking area ta' wara l-ground tal-football u oħra fi Triq Orlando Zabbar ma Trejqet il-Barumbara.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Festa Lapsi 2017 – Is-Sur Attard qal li l-attivita marret tajjeb ħafna u kulħadd iddeverta.

7.2 Harga Kemmuna – Il-Ħarġa li jmiss ser issir għal Kemmuna bil-Hera u ser tkun sostenibbli minnha nnifisa.

IX-XGĦAJRA

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm

Aġġornament għal-Ħamis 20 ta' Lulju, 2017 fil-5.30pm

Iffirmat

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Anthony Valvo
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt